MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Numru. 321/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Joseph Zammit**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Zammit ta’ 28 sena, iben Anthony u Doris nee` Bugeja, imwieled Gzira fl-10 ta’ Settembru 1978 u residenti gewwa 18, Triq Parisio, Sliema, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 431378(M):

Akkuzat talli fit-2 ta’ Frar 2007, u fil-jiem ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer (specifikatament gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin):

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew ipprova jdahhal f’xi parti tal-konfini tal-habs, medicina (eroina) li hija medicina perikoluza skond l-Ordinanza Dwar il-Medicina bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta;

F’kaz ta’ htija, il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat Joseph Zammit talli huwa recidiv b’sentenza datata 31 ta’ Jannar 2007, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn kien moghti piena karcerarja ta’ sentejn u nofs prigunerija.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-

Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u illi waqt l-ezami tieghu a tenur tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9, l-imputat wiegeb illi m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4), sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013, xehed **l-Ispettur Dennis Theuma**[1], li qal illi fit-2 ta' Frar 2007, kienet saret spezzjoni mill-ufficjali tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, gewwa cella numru 27, f'Divizjoni 13, fejn kien qed jinzamm l-imputat. Skond il-fizzjali tal-habs li ghamlu t-tfittxija, f'wiehed mill-bwiet tal-qalziet tal-imputat – fil-but ta' wara – instabet *sachet* kontenenti sustanza kannella. Din giet elevata minn CO 170 S. Camilleri u CO 180 M. Ellul. Fl-24 ta' Frar 2007, l-imputat irrilaxxja stqarrija gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u dan wara li nghata s-solita twissija li kellu d-dritt li ma jwegibx u li dak kollu li jghid jista' jingieb bhala prova.

Fl-istqarrija rilaxxata minnu fl-24 ta' Frar 2007[2], **l-imputat** qal illi fil-jum tal-istqarrija kien jinsab fid-Divizjoni 6, fic-cella numru 2. Meta gie ssugerit lilu illi fit-2 ta' Frar 2007, waqt tfittxija li saritlu fic-cella tieghu numru 27, fid-Divizjoni 13, fil-but tal-qalziet, intablu qartas bi trab kannella, huwa ma wegibx. Qal illi

[1] A fol. 29 sa 31 tal-process.
[2] A fol. 14 u 15 tal-process.

huwa kellu l-vizzju tad-droga eroina, izda minn meta twieled il-*baby* fit-18 ta' Settembru 2006, beda jaghti l-*urine samples* minn jeddu gewwa d-*Detox*, liema *samples* kienu negattivi, ghaliex xtaq jibdel hajtu. Mistoqsi jekk kienx beda programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga waqt li kien qieghed gewwa l-habs, huwa qal illi martu kienet qeghda tkellem lil certu David mid-*Detox* u lil certu Ray Grech biex jaghmel programm ghaliex kien ghadu qatt m'ghamel wiehed sa dakinhar u li xtaq jaqta' l-vizzju.

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013, xehed **ix-Xjenzat Godwin Sammut**[3], li kkonferma l-kontenut tar-relazzjoni pprezentatha minnu fil-kors tal-inkjesta relattiva. Skond l-istess relazzjoni[4], huwa gie mghoddi karta b'xi ticpis ta' lewn kannella u karta ohra zghira li kien fiha trab ta' lewn kannella. Fl-estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella u minn *swab* mehud mill-karta msemmija, instabet is-sustanza eroina. Il-piz tat-trab kien ta' 0.12 grammi.

Fl-istess seduta xehed ukoll **SM 1404 Anthony Cutajar**[5]. Huwa qal illi fiz-zmien tal-kaz odjern, huwa kien stazzjonat fl-Ufficju tad-Direttur tal-Habs. Fit-2 ta' Frar 2007, saret tfittxija f'cella numru 27, f'Divizjoni 13, li kienet okkupata minn Joseph Zammit. Din it-tfittxija saret minn CO 170 u CO 180. Huwa qal illi meta dawn infurmawh, bit-telefon, illi kienu sabu sustanza kannella fuq l-imputat, huwa ordna lill-istess ufficjali sabiex jiehdu lill-imputat fl-ufficcju tieghu, fejn huwa ssigilla s-sustanza misjuba quddiem l-istess imputat. Wara huwa ghaddiha lil Godwin Sammut.

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013, xehed ukoll **CO 180 Mario Ellul**[6], li qal illi fi Frar 2007, huwa kien impjegat gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin bhala ufficjal. Kienet saret spezzjoni fic-cella numru 27 tal-imputat u kien instab pakkett droga u karta imcapsa. Mieghu kien hemm CO 170. Ix-xhud gie muri l-

3 A fol. 63 u 64 tal-process.
4 A fol. 46 tal-process.
5 A fol. 65 u 66 tal-process.
6 A fol. 69 sa 71 tal-process.

esebit, anness mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, u gharaf il-kontenut bhala l-oggetti misjuba fic-cella tal-imputat.

Fis-seduta tat-30 ta' April 2013, xehed **PS 285 Geoffrey Cutajar**[7], li pprezenta l-okkorrenza mehudha minnu fit-2 ta' Frar 2007.

Fl-istess seduta tat-30 ta' April 2013, xehed ukoll **CO 170 Stephen Camilleri**[8], li qal illi fit-2 ta' Frar 2007, huwa kien stazzjonat gewwa Divizjoni 13 u ghamel tfittxija fic-cella tal-imputat flimkien ma' CO 180. Waqt it-tfittxija, huwa dahhal idejh fil-but ta' wara tal-qalziet tal-imputat u tella' karta mill-istess but. Din kienet karta li juzaw il-prigunieri ghax-xirja, liema karta kien fiha sustanza kannella. Din giet mghoddija lil PS Toni Cutajar.

Fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2013, xehed **il-Maggur Mario Zahra**[9], li qal illi mill-*Inmate's Behaviour Report* jirrizulta, illi dwar il-kaz li sehh fit-2 ta' Frar 2007, ma ttiehdux passi dixxiplinarji mill-awtoritajiet tal-habs kontra l-imputat. In kontro-ezami, huwa xehed illi fit-2 ta' Frar 2007, l-imputat gie trasferit mic-cella numru 27, f'Divizjoni 13 ghal cella numru 14, f'Divizjoni 6. Huwa xehed illi din hija procedura li tintuza fil-habs, sakemm ikun hemm proceduri pendenti. Mistoqsi jekk prigunier jitlifx xi privileggi li jkollu qabel, huwa qal illi fid-Divizjoni 6, ir-regim huwa izjed strett minn dak f'divizjonijiet ohrajn, bhal per ezempju, ic-celel jinfethu fit-8.00 a.m u jinghalqu fit-8.00 p.m., minflok jinfethu fit-7.45 a.m. u jinghalqu fit-8.30 p.m., *television* fil-kmamar ma jistghux jaraw, ma jistghux jinzammu hwejjeg fic-cella, izda dawn jinzammu f'*lockers* fejn l-istess divizjoni u l-prigunieri ma jistghux johorgu jahdmu. Il-prigunier jibqa' fid-Divizjoni 6, mentri f'divizjonijiet ohrajn, jekk wiehed ikun jahdem, jista' jmur fuq il-lant tax-xoghol, gewwa l-habs stess jew imur skola. Il-viziti jistghu jkunu ristretti wkoll, skond x'jirrakkomanda l-Ispettur. Normalment, prigunier jinghata zewg viziti fil-gimgha u f'Divizjoni 6, il-prigunieri wkoll jinghataw zewg viziti. Izda l-awtoritajiet tal-habs jikkomunikaw mal-Ispettur biex jaraw jekk

[7] A fol. 75 u 76 tal-process.
[8] A fol. 80 sa 82 tal-process.
[9] A fol. 84 sa 91 tal-process.

jistghux isiru viziti jew telefonati sakemm l-investigazzjonijiet ikunu ghadhom pendenti. Fir-rigward tal-viziti, l-imputat kellu vizita wahda fil-11 ta' Frar 2007, mentri ghamel telefonati fit-3 ta' Frar 2007, fl-4 ta' Frar 2007, fil-5 ta' Frar 2007 u anke fis-6 ta' Frar 2007.

Mistoqsi jekk dan huwiex forma ta' kastig, ix-xhud spjega illi l-pruginieri jitpoggew f'din id-divizjoni ghal perjodu, sakemm ikun stabbilit mill-Ispettur jekk il-prigunier jistax jaghmel kuntatt. L-imputat dam f'din id-Divizjoni sat-8 ta' Marzu 2007. Minn hemmhekk inghata *transfer* iehor, ghaliex kellu xi jghid ma' xi hadd. In ri-ezami, ix-xhud spjega wkoll illi ghalkemm il-Bord tad-Dixxiplina jiehu passi kontra prigunieri f'certu kazijiet, f'kazijiet konnessi mad-droga, tidhol il-Pulizija u ghalhekk, il-Bord ta' Dixxiplina ma jihux decizjonijiet jew passi fil-konfront tal-prigunier.

In kontro-ezami, ix-xhud qal illi l-procedura tat-*transfer* gewwa Divizjoni 6, ilha tintunza snin twal, ghalkemm ma kienx jaf jghid ezattament meta giet introdotta. Mistoqsi min jiddeciedi li ssir *transfer*, ix-xhud qal illi jigi konsultat id-Direttur tal-Habs. Huwa spjega illi f'kazijiet relatati mad-droga, fejn ikun hemm investigazzjoni ghaddejja mill-pulizija, jigi evitat illi l-prigunier involut ikollu kuntatt ma' prigunieri ohrajn fid-divizjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tal-imputazzjoni (a), mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta car illi fit-2 ta' Frar 2007, waqt illi l-imputat kien prigunier gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, u waqt illi kien qieghed fic-cella numru 27, f'Divizjoni 13, fil-but tal-qalziet tieghu, instab trab kannella li, skond ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, kien droga eroina. Dan it-trab kellu piz ta' 0.12 grammi. Ghaldaqstant, jirrizulta ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi illi, fl-imsemmija data, l-imputat kellu fil-pussess tieghu, d-droga eroina.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (b), madankollu, m'hemm l-ebda prova illi fil-fatt kien l-imputat li dahhal din id-droga eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fit-2 ta' Frar 2007 jew fil-jiem ta' qabel din id-data. Il-fatt illi l-imputat instab fil-pussess tal-imsemmija droga gewwa l-konfini tal-habs, ma jfissirx necessarjament illi kien huwa stess illi dahhal din id-droga hemmhekk. Ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex sodisfatta illi din l-imputazzjoni giet ippruvata mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex titratta mal-imputat bhala recidiv permezz ta' sentenza tal-31 ta' Jannar 2007, moghtija fil-konfront tal-istess imputat, mill-Qorti tal-Appell Kriminali. F'dan ir-rigward giet esebita sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, datata 31 ta' Jannar 2007, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Zammit'.[10] Mill-istess sentenza, madankollu, ma jirrizultawx il-konnotati tal-imputat f'dak il-kaz u lanqas ma ngabet prova dwar l-identita` tal-imputat sabiex jigi muri illi l-imputat f'dak il-kaz kien, fil-fatt, l-imputat odjern. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi gie sodisfacentement ippruvat illi l-imputat huwa recidiv permezz tas-sentenza msemmija.

**Konsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Illi ghal fini ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi r-reat odjern gie kommess mill-imputat meta huwa kien prigunier gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u ghaldaqstant japplikaw fir-rigward tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9, fis-sens illi meta jsir xi reat minn persuna waqt li jkun prigunier, il-piena ghal dak ir-reat fil-kaz ta' sejbien ta' htija, <u>ghandha tizdied bi grad jew tnejn</u>, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 21, 28A u tal-Att dwar il-*Probation* m'ghandhomx japplikaw.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat, liema fedina penali hija wahda ferm refrattarja u tikkonsisti f'ben hamsa u tletin faccata u illi

[10] Dok. JZ.

minkejja li inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati, l-imputat xorta baqa’ jxellef difrejh mal-gustizzja b’mod ripetut, u dan anke wara li gie kommess ir-reat mertu tal-kaz odjern. Qieset ukoll il-piz tat-trab misjub fil-pussess tal-imputat.

Il-Qorti qieset ukoll is-sottomissjoni tad-difiza, fl-istadju tat-trattazzjoni finali, fis-sens illi l-fatt illi l-imputat gie trasferit f’divizjoni ohra, b’regim izjed strett, ghandu jittiehed ukoll in konsiderazzjoni minn din il-Qorti meta tigi biex tinfliggi l-piena, ghaliex skond l-istess difiza, l-imputat diga` gie punit. Id-difiza semmiet ukoll il-principju tan-*ne bis in idem*, ghalkemm dan issemma b’mod generali ghall-ahhar u ma tqajjmet l-ebda eccezzjoni f’dan is-sens. Dan il-punt issemma biss fil-kuntest tat-trattazzjoni finali.

F’dan il-kaz, mill-provi prodotti, jirrizulta car illi ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinarji mill-awtoritajiet tal-habs fil-konfront tal-imputat. L-imputat kien qed jiskonta sentenza karcerarja gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin u t-trasferiment tieghu f’divizjoni b’regim izjed strett, ma gietx imposta fuqu bhala xi forma ta’ piena wara proceduri dixxiplinarji, izda bhala mizura sabiex jigi evitat kuntatt, fosthom ma’ prigunieri ohrajn, waqt il-pendenza tal-investigazzjoni da parti tal-pulizija dwar is-sejba tad-droga fuq l-imputat. Kif intqal fil-kaz *Ezech and Connors v. the United Kingdom* ([GC], 39655/98 and 40086/98, 9 October 2003), fejn saret referenza ghal kaz ta’ *Engel v Netherlands*[11] u dan fil-kuntest ta’ jekk mizuri ghandhomx jigu klassifikati bhala li jappartjenu lill-kamp kriminali jew dak dixxiplinari:

“*In a society subscribing to the rule of law, there belong to the ‘criminal’ sphere, deprivations of liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental*.”

[11] *Engel v Netherlands* A 22 (1976); 1 EHRR 647 PC.

F'dak il-kaz, l-applikanti li kienu lkoll qed jiskontaw piena ta' prigunerija, setghu jinghataw jiem addizzjonali ta' detenzjoni, tant illi l-ewwel applikant kien inghata 40 jum addizzjonali u t-tieni applikant inghata 7 ijiem addizzjonali, li skond il-ligi domestika, kienu ekwivalenti, fit-tul taghhom, ghal sentenzi ta' hdax-il gimgha u hmistax-il jum prigunerija rispettivament. Ghalhekk intqal ukoll mill-Qorti f'dak il-kaz illi "*In these circumstances, the Court finds that the deprivations of liberty which were liable to, and which actually were, imposed on the applicants cannot be regarded as sufficiently unimportant or inconsequential as to displace the presumed criminal nature of the charges against them*".

Imbaghad, fil-kaz ta' *Dogmoch v. Germany* (dec.), 26315/03, 8 September 2006, dwar l-ordni ta' ffrizar maghmul minn qorti kriminali fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali, gie mehud in konsiderazzjoni jekk l-ghan tal-mizura kienx li tinstab htija o meno tal-applikant u jekk din il-mizura kellhiex implikazzjonijiet fuq il-fedina penali tal-istess. Il-Qorti f'dak il-kaz ikkunsidrat illi l-ordni in kwistjoni kienet mizura provizorja fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali u primarjament intiza sabiex tissalvagwardja pretensjonijiet li jistghu jitressqu minn terzi u li ghalhekk ma kellhiex tigi kunsidrata bhala "*determination of a criminal charge*", fil-kuntest tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

F'dan il-kaz, apparti li kif inghad, ma ttiehdu l-ebda passi dixxiplinari fil-konfront tal-imputat, il-mizuri imposti, fl-ewwel lok, ma jistghux jitqiesu bhala tali li kienu "*appreciably detrimental*" u dan meta jitqies ukoll illi fil-fatt l-imputat ma kienx projbit milli jaghmel telefonati (ghaliex fil-fatt ghamel bosta telefonati sa mill-ghada tal-incident mertu tal-kaz) u lanqas milli jkollu viziti, ghalkemm jista' jkun illi dawn tnaqqsulu. In oltre, kif diga` inghad, dawn kienu mizuri provizorji li ttiehdu waqt il-pendenzi tal-investigazzjoni mill-pulizija, intizi primarjament sabiex jigi evitat kuntatt ma' prigunieri ohrajn fid-divizjoni tieghu precedenti. Ghalhekk il-Qorti ma tqisx illi jista' jinghad illi l-imputat gie '*tried twice for the same offence'* u lanqas li bis-sentenza tal-lum, ser ikun qed jigi punit darbtejn dwar l-istess reat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7 tal-Kap. 260 u l-Artikoli 31, 33A, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tal-addebitu tar-recidiva u qed tilliberah minnhom, fil-waqt illi ssibu hati tal-ewwel imputazzjoni (b'dan illi din tirrizulta fir-rigward tat-2 ta' Frar 2007 u mhux fir-rigward tal-jiem ta' qabel din id-data), u tikkundannah ghall-**piena ta' prigunerija effettiva ta' sitt (6) xhur**.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti **tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez** li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-kors tal-inkjesta, ossia s-somma ta' mija, wiehed u sebghin Euro u hdax-il centezmu (Eur 171.11) ekwivalenti ghas-somma ta' tlieta u sebghin Lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm73.46), rapprezentanti d-drittijiet tal-espert forensiku x-Xjenzat Godwin Sammut u s-somma ta' tmintax il-Euro u tlieta u sittin centezmu (Eur 18.63), ekwivalenti ghas-somma ta' tmien Liri Maltin (Lm8), rapprezentanti d-drittijiet tas-*Scene of the Crime Officer*, PC 453 Brian Cassar, liema spejjez **jammontaw ghal total ta' mija, disgha u tmenin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€189.74)**. Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu fi zmien sena mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, li tinsab esebita fl-atti tal-inkjesta dwar dan il-kaz ossia fil-process verbal bin-numru 447/07 redatt mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi u maghluq fis-27 ta' Marzu 2007, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu

jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------